MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 899/2011

**Lighthouse Communications Limited - C21425**

**vs**

**Andrew Ellul Sullivan (ID866450-M) ezercitanti l-kummerc taht l-isem Zeus Sports**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet is-somma ta' elf tmien mija tmienja u hamsin Ewro u hamsin centezmu (€1,858.50c) oltre spejjez u imghaxijiet rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi rezi lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess u li baqa' ma thallasx.

Minkejja li li gie interpellat jhallas diversi drabi, inkluz permezz tal-ittra bonarja datata 27 ta' Lulju 2011 (Dok. B), il-konvenut baqa' inadempjenti;

Qed jintalbu ukoll l-imghaxijiet dekorribbli mid-dati tal-fatturi relattivi indikati fuq il-prospett anness (Dok A) sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rata permessa mil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija tmienja u hamsin Ewro u hamsin centezmu (€1,858.50c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------